# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 382/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Saviour Baldacchino)

vs

**Wayne Camilleri**

iben Carmelo, imwieled Pieta', fit-28 ta' Gunju, 1992, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 314092(M)

Illum, 4 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Wayne Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

1. Nhar it-23 ta Lulju, 2013 ghal habta ta’ 12:00hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ikkommetta serq ta’ gizirana min fuq il-persuna ta’ Maria PiaVella ta’ 71 sena;

2. Nhar it-23 ta’ Lulju, 2013 ghal habta ta' 18:15hrs gewwa Misrah San Gakbu, Zabbar, ikkommetta serq ta’ gizirana minn fuq il-persuna ta’ Pawla Scicluna ta’ 71 sena;

3. Nhar l-24 ta’ Lulju, 2013 ghal habta ta’ 17:15hrs gewwa Triq is- Santwarju, Zabbar ikkommetta serq ta’ gizirana min fuq il-persuna ta’ Rosina Schembri ta’ 76 sena;

4. Nhar it-30 ta Lulju, 2013 ghal habta ta’ 13:00hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ikkommetta serq ta’ gizirana min fuq il-persuna ta’ Rosaria Vella ta’ 77 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

5. Volontarjament ikkommetta griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Rosaria Vella ta’ 77 sena skond certifikat mediku ta’ Dr. Adam Falzon, Reg: 3425;

6. Fl-istess cirkustanzi, sar recidiv b’sentenzi mghotija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi huma definiti u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

7. Fl-istess cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 27 ta' Lulju, 2013 moghtija lilu minn Magt. Dr A. Vella LL.D. liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mnaqqsa jew mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta’ Awwissu, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 28D(1), 49, 50, 262(a), 267, 274(d), 276(a), 280(2), 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat WAYNE CAMILLERI hati ta’ l-akkuzi u kkundannatu hmistax-il xahar prigunerija effettivi ghall-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Oltre dan ordnat li s-sentenza sospiza li nghatat fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Lulju, 2013 fejn gie kkundannat disa' (9) xhur prigunerija tigi reza operattiva.

Il-Qorti semghet lill-imputat jghid li huwa ghandu problema ta' dipendenza fuq id-droga u ghaldaqstant tat rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex ighin lill-imputat jibda programm sabiex jindirizza din il-problema.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-16 ta' Settembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u

2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-4 ta' Settembru 2013 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata billi erogat piena li hija anqas mill-minimu stabbilit mill-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati l-appellat.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellat għal 15-il xahar priġunerija meta l-minimu stabbilit mill-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati l-appellat huwa ferm aktar minn hekk.

Illi a skans ta' kull ekwivoku jiġi mmedjatament rilevat illi fil-każ *de quo* ma kienu jissussitu ebda raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tinżel taħt il-minimu, ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, effettivament lanqas ma hemm imsemmi fis-sentenza xi raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tinżel taħt il-minimu, ai termini ta' l-istess artikolu. Filwaqt li huwa konċess li l-appellat ikkopera mal-Pulizija, din mhijiex raġuni għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 21, u, fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti, korrettement, ma applikatux.

Illi fuq l-ammissjoni tiegħu stess, l-appellat instab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Illi fuq ammissjoni tiegħu stess, l-appellat instab ħati ta' xejn anqas minn erbgħa (4) serqiet bil-vjolenza fuq anzjani, b'waħda minnhom issofri ġrieħi ħfief fil-proċess.

Illi għandu jitfakkar ukoll li l-appellat instab ħati wkoll ta' l-addebitu tar-reċidiva fis-serq, ai termini ta' l-artikolu 289 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu **274(ċ)** tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi l-ħati ta' serq b'offiża ħafifa fuq il-persuna jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin.

Illi *di piu'*, l-artikolu **276A** ta' l-istess Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi l-piena fuq imsemmija **għandha** tiżdied bi grad jew żewġ gradi meta l-vjolenza tkun diretta kontra persuna li tkun għalqet l-eta' ta' sittin (60) sena, bħal fil-każ odjern.

Illi kwindi, u jekk wieħed jimxi strettament fuq il-minimu, sentejn miżjuda bi grad jammontaw għal tliet (3) snin priġunerija effettiva.

Illi l-appellat ammetta wkoll ir-reċidiva fis-serq ai termini ta' l-artikolu 289 tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, fejn, ai termini ta' l-istess artikolu, l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet iżżid il-piena bi grad jew tnejn. *Di piu'* l-piena setgħet terġa' tiżdied bi grad jew żewġ gradi oħra tenut kont ir-reat kontinwat, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta.

*Considerando*, pero', li dan l-awment fil-piena huwa fakoltattiv u mhux tassattiv, l-esponent m'huwiex qiegħed jirreġistra aggravju dwar dan.

Illi konsegwentement, anke jekk wieħed iżomm strettament mal-piena minima possibbli skont il-liġi – għalkemm l-esponent ma jaqbilx ma' dan *stante* s-serjeta' tar-reati kommessi mill-appellat fuq anzjani vulnerabbli - *considerando* l-fuq espost il-piena ta' priġunerija kellha tkun waħda minn tliet (3) snin 'l fuq, u ċertament mhux waħda ta' ħmistax il-xahar. Ta' min wieħed ifakkar li dawn ir-reati huma reati serji ħafna li jġibu allarm u sens ta' *insecurity* fis-soċjeta' in ġenerali, apparti t-trawma fuq il-vittmi nnoċenti u vulnerabbli bħal ma huma l-anzjani.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali appella fuq il-piena li gie erogata mill-ewwel Qorti ghaliex fil-fehma tieghu din mhiex wahda fil-parametri tal-ligi. Hu ta diversi ragunijiet ghal dan li jinsabu riportati hawn fuq. Fil-fehma tieghu l-minimu li dik il-Qorti kellha tinfliggi kien ta' tlett snin.

Illi l-imputat gie mressaq il-Qorti fil-31 ta' Awwissu, 2013 u f'dik l-ewwel seduta hu ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. L-ewwel Qorti tat zmien lill-imputat biex jerga jahsiba u l-istess imputat rega tenna l-htija tieghu. Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni l-ewwel Qorti ghaddiet biex tat is-sentenza u erogat il-piena.

Illi l-Avukat Generali qed jippretendi li l-minimu hu ta tlett snin prigunerija a tenur tal-artikolu 31(1)(b)(ix) tal-Kodici Kriminali. Min-naha taghha l-ewwel Qorti erogat piena ta' hmistax il-xahar prigunerija a tenur tal-artikolu 31(1)(b)(x) tal-Kodici Kriminali li l-minimu tieghu hu tlettax il-xahar prigunerija. Ghalhekk, hu car li l-ewwel Qorti erogat dik il-piena ghaliex l-

imputat ammetta l-htija tieghu fl-ewwel seduta, meta hu tressaq il-Qorti.  Ghalhekk, hu seta' jibbenefika b'inzul ta' grad fl-erogazzjoni tal-piena u din hi fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell tal-Avukat Generali.